MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 7/2007

**Christopher Scicluna u David Vella fil-kwalita` taghhom ta' azzjonisti u diretturi tas-socjeta` A. M. A. K. Collecting Society Limited li tinsab fil-kors tal-kostituzzjoni taghha**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Frar, 2007, il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Decizjoni
>
> Fuq it-talba tas-Sur Chris Scicluna u tas-Sur David Vella fil-kwalita` taghhom ta' azzjonisti u diretturi tas-socjeta` A. M. A. K. Collecting Society Limited,

li tinsab fil-kors tal-kostituzzjoni taghha, prezentat fis-26 ta' April 2005.

1. Is-Sinjuri Scicluna u Vella talbu li A. M. A. K. Collecting Society Limited tigi approvata bhala collecting society skond l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap 415 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Ma' l-imsemmija talba gew esibiti dawn id-dokumenti:

a. Memorandum and Articles of Association;
b. Rules and Regulations;
c. It-Tariffi proposti;
d. Dikjarazzjoni dwar in-numru tal-membri prospettivi;
e. Lista ta' kuntatti ma' collecting societies ohra;
f. Bilateral u multilateral contracts
g. Mod u manjera li bihom jippropronu li jilhqu l-ghanijiet taghhom;
h. Mudell ta' formola ta' applikazzjoni ghall-ammissjoni bhala membru;
i. Lista ta' tipi ta' licenzjatarji.

3. Bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 499 pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Gunju 2006, il-Bord skond il-ligi, ippubblika t-talba tar-rikorrenti u t-tariffi proposti minnhom, u avza li l-utenti prospettivi setghu joggezzjonaw fi zmien sittin gurnata mill-pubblikazzjoni.

4. Fi zmien dan it-terminu ta' sittin gurnata, u wara, ma giet prezentata ebda oggezzjoni minn utenti prospettivi jew mir-rapprezentanti taghhom.

5. F’ seduta tas-6 ta' Ottubru 2006 il-Bord sama' s-sottomissjonijiet orali ta' Dr Edward Saliba, tas-Sur Christopher Scicluna u tas-Sur David Vella, ghall-AMAK. (F' din l-istess seduta l-Bord sama' lil Ms Sarah Foulder, Ms Diana Derrick u l-Avukat Dr Kevin Dingli ghal Performing Right Society (PRS)

li kienet ghamlet talba lill-Bord ghal approvazzjoni simili.)

6. Fis-17 ta' Ottubru 2006 Dr Edward Saliba ghall- A. M. A. K. Collecting Society Limited ipprezenta dawn id-dokumenti:

(1) Certifikat tar-registrazzjoni tas-Socjeta' msemmija skond l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386);
(2) Memorandum and Articles ta' l-istess Socjeta';
(3) CV tas-Sur David Vella;
(4) CV tas-Sur Chris Scicluna;
(5) Tariffi addizzjonali.

Konsiderazzjonijiet

7. L-A. M. A. K. Collecting Society Limited (AMAK) giet registrata skond l-Att dwar il-Kumpanniji tal-10 ta' Ottubru 2006, jigifieri wara li kienet saret it-talba in ezami. L-AMAK ghalhekk ma kellhiex l-opportunita` li taghmel kuntratti ma' collecting societies. L-anqas kuntatti ma jirrizulta li ghamlet ma tali socjetajiet, hlief mal-GEMA, socjeta` Germaniza (fol 37, 38 traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet orali.)

8. F' April 2005 in-numru ta' dawk li ntrabtu li jkunu membri ta' l-AMAK kien ta' mitejn u hdax (dok. d.)

9. Ma hemm ebda indikazzjoni li, kieku t-talba in ezami tigi milqugha, l-AMAK ma tkunx tippossjedi l-kapacita` u l-affidabilita` mehtiega ghall-ezercizzju ta' l-attivita` bhala collecting society. Jigi rilevat li din it-talba giet konsidrata mill-Bord kontemporaneament ma' talba simili maghmula minn The Perfoming Right Society Limited (PRS.) Il-Bord, b' decizjoni tal-lum stess, a bazi ta' valutazzjoni skond il-kriterji stabbiliti mil-ligi, approva lill-PRS bhala collecting society. Ma jkunx ghaqli li, ghall-inqas f' suq relattivament

ckejken bhalma hu ta' Malta, ikunu jezistu iktar minn collective society wahda. Fuq hekk jaqblu l-AMAK u l-PRS (fol 10, 27 tas-sottomissjonijiet orali.)

Konkluzjoni

10. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord:

(a) Jichad it-talba, u ma japprovax lill-A. M. A. K. Collecting Society Limited bhala Collecting Society; u

(b) Jordna (i) li kopja ta' din id-decizjoni tigi mibghuta lill-imsemmija socjeta` AMAK; (ii) li din id-decizjoni tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern; u (iii) li l-ispejjez u d-dritijjiet ta' din il-pubblikazzjoni fil-Gazzctta, kif ukoll dawk tal-proceduri quddiem il-Bord sa fejn jirrigwardaw it-talba ta' l-AMAK, jigu mhallsin mill-AMAK.**”**

Is-socjeta` rikorrenti appellat minn din id-decizjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur bl-aggravji segwenti:-

(1) In-nullita ta’ l-istess decizjoni ghall-motiv li d-data indikata fuqha ma tikkorrispondix ghad-data effettiva li fiha nghatat;

(2) Il-motivazzjonijiet dedotti mill-Bord ghac-cahda ta’ l-applikazzjoni taghha bhala “*collecting society*” huma illogici u inaccettabbli;

B’ dan l-ahhar motiv ta’ aggravju s-socjeta` appellanti tissottometti dan li gej:-

(i) Hi ma setghetx tidhol f’ kuntratt ma’ *collecting societies* ohra qabel ma jkollha l-approvazzjoni necessarja biex tagixxi bhala tali;

(ii) Ir-ragonament l-iehor tal-Bord jimplika li d-decizjoni tieghu ttiehdet solament mill-kunsiderazzjoni fost liema miz-zewg applikazzjonijiet li kellu quddiemu jigi deciz l-ewwel. F' dan il-kuntest is-socjeta` appellanti tilmenta li l-motivazzjoni tad-decizjoni mhix wahda adegwata;

(iii) Il-Bord ma ghamel ebda ezercizzju valutattiv dwar l-impatt avvers lid-drittijiet ta' l-awtur bl-ezistenza ta' aktar minn *collecting society* wahda;

(iv) L-approvazzjoni ta' *collecting society* wahda jfisser il-krejazzjoni ta' monopolju territorjali u dan imur kontra l-principju generali tal-kompetizzjoni;

Dan l-appell gie notifikat kemm lill-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur kif ukoll lill-Avukat Generali (ara riferti a fol. 77), b' dan ta' l-ahhar iwiegeb fis-sens infraskritt:-

(i) Hu ma huwiex il-legittimu kontradittur billi ma kienx parti fil-proceduri quddiem il-Bord;

(ii) Fin-nuqqas ta' proceduri fil-kontradittorju l-kontroparti jrid ikun il-Bord innifsu;

(iii) Jekk pero` dawk l-istess proceduri kellhom jitqiesu fil-kontradittorju allura l-kontroparti fl-appell riedet tkun is-socjeta` The Performing Rights Society Limited;

(iv) F' kull kaz stante l-interess ovvju taghha din l-ahhar imsemmija socjeta` ghandha tissejjah fil-proceduri. Tali kwestjoni regghet giet sollevata quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2007;

Huwa evidentement fl-ordni logiku-guridiku illi qabel konsiderazzjoni ta' l-aggravji fil-meritu l-Qorti jehtiegilha tiddelibera u tiddeciedi l-punti ta' indoli procedurali sottomessi mill-partijiet;

Indubitament, din il-Qorti ma tirravvisax in-nullita tas-sentenza ghal fatt ta’ l-iskorrettezza fid-data tas-sentenza. Apparti l-fatt illi, kif jinsenja l-**Laurent** (“Principii di Diritto Civile”, Vol. 1 para. 43), “*la nullita` è un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`*”, huwa bil-wisq apparenti illi l-indikazzjoni errata tas-sena (2006 flok 2007) ma tistax hlief titqies semplici *lapsus calami* minimu u manifest fuq il-wicc ta’ l-att li ma ghandhiex taffettwa s-sustanza tas-sentenza, salv dejjem naturalment li ssir id-debita korrezzjoni u dan in sede proprja, kif jidher li hu hawnhekk il-kaz. Dan qed jinghad ghaliex mill-kopja in atti tas-sentenza tal-Bord jidher li din id-debita korrezzjoni effettivament saret taht il-firma tac-Chairman tal-Bord. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax illi l-izball materjali fid-data tas-sentenza ghandu jattira r-rigur tan-nullita` invokata mis-socjeta` appellanti. Konsegwentement, qed tichad l-ewwel aggravju;

Fil-kaz ta’ l-eccezzjonijiet ritwali sollevati mill-Avukat Generali jibda biex jigi rilevat illi fl-izvolgiment tal-process quddiem il-Bord, tendenti ghall-approvazzjoni o meno ta’ l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti jew dik tal-kumpanija l-ohra “The Performing Rights Society Limited”, il-principju tal-kontradittorju ma kien jiccentra bl-ebda mod. Veru li din l-ahhar imsemmija kumpanija kienet parti fil-process gjaladarba l-applikazzjonijiet tat-tnejn kienu qed jigu mistharrga flimkien. Veru wkoll li fir-realta bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm certament konflitti ta’ interess izda dan ma jeliminax u ma jinnewtralizzax il-konsiderazzjoni ovvja illi kull socjeta` adduciet is-sottomissjonijiet taghha b’ mod separat ghal verifika relattiva dwarhom mill-Bord. Fil-verita, lanqas ma jidher li nghatat xi decizjoni unitarja mill-Bord fil-konfront taz-zewg socjetajiet partecipanti. Del resto, biex tinghata decizjoni dwar applikazzjoni wahda jew l-ohra ma kienx mistenni illi biex dik l-istess decizjoni takkwista rizultat utli u posittiv din kellha *per forza,* u biss, tigi pronunzjata fil-kontradittorju taz-zewg socjetajiet. L-ebda norma guridika jew regolament ma kien jesigi dan. Effettivament, il-provvediment rikjest mill-Bord kellu jkun, b’ mod separat, bazat fuq il-kwalifiki o meno ta’ kull wahda mis-socjetajiet biex tigi approvata bhala “*collecting*

*society*". La din hi hekk il-qaghda u la ma kienx hemm ukoll ir-relattiva *lite* bejn iz-zewg socjetajiet ma jistax jinghad li fil-kaz in ispecje tirrikorri ipotesi ta' kontradittorju. Fl-assenza ta' dan ir-rapport, oggettivament u processwalment unitarju, ankorke s-socjeta` The Performing Rights Society jista' wkoll ghandha interess, din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni biex issejjah jew tammetti fil-procedura quddiemha lil din is-socjeta` bhala xi litiskonsorzju necessarju, implikanti l-obbligu ta' integrazzjoni tal-kontradittorju fil-konfront ta' din is-socjeta`. Dan igib li t-talba proposta mill-Avukat Generali ghal kjamata fil-kawza tas-socjeta`, ampjament riferita, qed tigi michuda;

Wiehed ragjonevolment jifhem minn dan kollu illi la r-rit quddiem il-Bord ma kienx tali li kellu bilfors jimplika l-kontradittorju wiehed lanqas jista' rettament jikkonsidra lill-Avukat Generali bhala legittimu kontradittur ghal fini ta' l-appell interpost mis-sentenza appellata. In-notifika lilu ta' l-att ta' l-appell hu forsi spjegat mill-konsiderazzjoni illi s-socjeta` appellanti hasset li kellha tuniforma ruhha mad-dispost ta' l-Artikolu 181B (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghall-ottemperanza tal-formalita` rikjesta f' dan l-istess artikolu tal-ligi. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, anke b' koerenza ma' dak gja espress minnha, la ma kien hemm ebda materja *da contendere* fis-sens tal-Kodici ritwali u, allura, ebda kontroparti, in-notifika maghmula lill-Avukat Generali ghandha titqies superfluwa;

Spjanat it-terren mill-eccezzjonijiet imqanqla mil-Avukat Generali, jifdal li jigi kkunsidrat il-meritu tat-tieni motiv ta' appell sottomess mis-socjeta` appellanti;

Sostanzjalment, is-socjeta` appellanti tillamenta minn difett tal-motivazzjonijiet tal-Bord billi jew tqishom illogici jew insufficjenti. Mhux dubitat illi l-motivazzjonijiet huma ta' essenza f' kull decizjoni, kemm ghaliex dawn joffru indikazzjoni ta' l-*iter* logiku segwit fir-raggungiment tal-

konkluzjoni, kif ukoll ghax dan hu hekk dettat mill-Kodici ritwali fl-Artikolu 218 tieghu. Naturalment, ghal fini ta' l-adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni mpost minn dan il-provvediment tal-ligi, il-Bord adit ma kienx mistenni jew tenut li jaghti ragonament elaborat jew li jikkonfuta kull singolu argoment prospettat mill-parti imma kien jibbasta li jindika dawk l-elementi li fuqhom iffonda l-konvinzjoni tieghu proprja. Fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti d-decizjoni appellata tikkontjeni esposizzjoni konciza tar-ragonament tal-Bord u huwa car mil-liema rizultanzi probatorji u dawk tas-sottomissjonijiet maghmula il-Bord ippercepixxa, u konkretament iddeduca, il-konvinciment tieghu. Taht dan il-profil din il-Qorti ma tirravviza ebda deficjenza tal-kriterju logiku adoperat mill-Bord u jkollu jinghad li l-motivazzjonijiet tas-sentenza jikkjarixxu u jissorreggu adegwatament ir-*ratio decidendi*;

Fil-kumpless, ma jidherx li r-raguni tac-cahda ta' l-applikazzjoni tas-socjeta` appellanti kien merament ibbazat fuq il-kunsiderazzjoni liema fost iz-zewg applikazzjonijiet raffrontat bihom il-Bord iddecieda l-ewwel. Lanqas fuq il-konsiderazzjoni ewlenija tan-nuqqas ta' kuntatt jew ta' kuntratti ma' "*collecting societies*" ohra anke jekk dan kien fattur li ma setax ma jittiehedx f' kunsiderazzjoni debita. Pjuttost, anke jekk dan jinghad mill-Bord f' termini generici, dik id-decizjoni tieghu kienet ir-rizultat tal-valutazzjoni maghmula fil-parametri tal-kriterji stabbiliti mil-ligi. Ovvjament, l-ghazla u l-valutazzjoni komplessiva ta' l-elementi okkorrenti, anke jekk sintetikament formulati, kienu jaqghu fil-poter diskrezzjonali tal-Bord;

Certament, imbaghad, din il-Qorti ma tarax ghaliex il-Bord kellu jigi ccensurat li ma kkonduciex ezercizzju valutattiv dwar l-impatt li l-ezistenza ta' aktar minn "*collecting society* wahda "*would not be beneficial to the interests of the authors and other owners of copyright and of neighbouring rights and the users*". [Regolament 4 (3) (d) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Socjetajiet ghall-Amministrazzjoni

Kollettiva tad-Drittijiet ta’ l-Awtur - Avviz Legali 425 ta’ l-2003.] Fl-opinjoni tal-Qorti din ic-censura mhix gustifikata. L-istess rapprezentant tas-socjeta` appellanti rrikonoxxa u accetta fis-sottomissjonijiet orali tieghu lil Bord illi “*should there be more than one collecting society in Malta, these societies would be unable to manage the operations properly or function at all for that effect and therefore the members copyright owners would not receive a proper service apart from creating confusion amongst the users too as they would add up, most probabbly, paying up two licence fees, creating confusion amongst the users more than the members*” (fol. 43). Stqarrija daqstant esplicita u inkwadrament daqstant car tal-qaghda negattiva kieku kellu jkun hemm aktar minn *collecting society* wahda ma jhallu lok ghall-ebda kumment ulterjuri. Fiz-zgur, ghall-ebda htiega ta’ ezercizzju valutattiv u approfondit fuq is-suggett, kif hekk pretiz mis-socjeta` appellanti;

Finalment, is-socjeta` appellanti tadduci ulterjorment illi bid-decizjoni tieghu l-Bord ta lok ghal krejazzjoni ta’ monopolju legali fir-rigward tal-maniggjar kollettiv tad-drittijiet ta’ l-awtur u dan imur kontra l-principju generali tal-kompetizzjoni;

Anke hawn l-istess rapprezentant tas-socjeta` appellanti jirrikonoxxi illi “*historically in the field of collective management of copyrights it is evident that the traditional monopolistic structure which exists all over Europe at national level is required in order to saveguard the interests of right holders*” (fol. 42). Ir-riflessjoni hekk maghmula tidher ferm ragonevoli ghax tati konsiderazzjoni tar-realtajiet ekonomici fis-suq partikulari u ta’ dik il-htiega ta’ l-immaginar ahjar tad-drittijiet ta’ l-awtur fit-territorju partikulari. Ir-raguni tissuggerixxi illi tenut qies tas-suq partikulari *collecting society* wahda tkun tista’ tamministra ahjar il-konduzzjoni tal-*business* taghha fit-territorju u tikkonkludi negozjati mal-klijenti taghha. Agguntivament, tkun f’ qaghda certament ahjar li tivverifika l-fatturi ghal formazzjoni tat-tariffi, taghmel monitoragg adegwat ta’ l-uzu tar-repertorju taghha mill-

utenti, kompriz it-tehid ta' dawk l-azzjonijiet fejn jinstab illi l-att mill-utent jikkontravveni d-drittijiet ta' l-awtur. Fuq kollox, arrangament bhal dan jibbenefika wkoll lil utent billi dan ikollu access ghal repertorju ta' muzika aktar mifrux permezz ta' negozjati ma' *collecting society* wahda;

Huwa sintomatiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi, kif ritenut mill-Qorti Suprema fl-Istati Uniti fil-kaz "**Columbia Broadcasting System -vs- BMI and ASCAP**" (441 VS1, 60 L Ed. 2nd 1, 99 S Ct 1551) deciza fl-1979, l-ghoti ta' *blanket licensing* "*could not be considered as a per se violation of the Sherman Act but must be evaluated in terms of a 'rule of reason' analysis. Under the rule of reason a court is required to weigh up the pro-competitive effects of a practise against its anti-competitive effects in order to determine whether the practise unreasonably restrains trade in the relavant market*". Tali ragonament huwa egwalment applikabbli f' dan il-kaz. Jekk xejn, ghat-tutela ta' l-utenti fis-suq ristrett Malti, kif hawn fuq indikat u espress. F' dawn ic-cirkustanzi l-Qorti hi tal-fehma konsiderata illi l-ghoti tal-licenzja ta' eskluzivita lil kumpanija wahda u mhux l-ohra ma jikkostitwix vjolazzjoni tad-dritt tal-konkorrenza u dak tal-kompetizzjoni, anke ghaliex il-koncessjoni hekk moghtija tippresupponi sitwazzjoni ta' kontroll aktar effettiv fis-settur taht kunsiderazzjoni u qaghda aktar kongenjali lill-interessi ta' l-utenti in generali.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonjiiet maghmula din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur moghtija fil-15 ta' Frar 2007. Fic-cirkustanzi l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------